MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2003

Rikors Numru. 601/1997/1

Richard Gauci
vs
Chairman EneMalta Corporation

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz ghall-habta ta' bejn 1989 u 1994, ir-rikorrent sofra pregudizzju u ingustizzja konsistenti fil-fatt illi ma kienx gie moghti l-promozzjonijiet spettanti lilu.

Illi l-fatti tal-kaz, fis-semplicita taghhom, kienu s-segwenti:

Illi r-rikorrent kien dahal fl-ingagg tal-Korporazzjoni bhala apprentist u fl-1987 kien sar tal-post u beda jaghmel ix-xoghol ta' Linesman Grupp D.
Illi fis-sena 1989 kienu hargu s-sejhiet ghall-grad ta' WTO u wara li kien qaghad ghall-interview kien hareg ir-rizultat

u kien wiehed minn dawk li kien ghadda u dan kif jirrizulta mid-Dok A anness.

Illi ma dana kollu r-rikorrent kien gie mcahhad minn din il-promozzjoni u floku haditha persuna ohra.

Illi ta' kull meta kien jipprotesta mas-superjuri tieghu dawn kienu jiddikjaraw li din hija ingustizzja u li kienu ser jiehdu l-passi necessarji sabiex tigi korretta sakemm fl-ahhar qalulu li kien skada t-terminu u li ghalhekk ma kienx baqghalu dritt ghaliha.

Illi fl-1992 kienu hargu sejhiet ghall-grad ta' Security Guard u r-rikorrent kien issottometta l-applikazzjoni tieghu u meta kien mar ghall-interview, minflok interview, zvolgiet diskussjoni li konsegwenza taghha gie offrut il-possibilita` li jinghaqad mal-iStand by Gang u ghalhekk l-interview ma kienx tkompla bil-konsegwenza li ma kien ha l-ebda rizultat kwantu grad ta' Security Guard u l-anqas ahbar dwar il-possibbilta` li jinghaqad ma l-iStand By Gang.

F'Jannar u f'Novembru 1993 kienu hargu sejhiet ghall-grad ta' TO I u r-rikorrent kien issottometta l-applikazzjonijiet tieghu izda ta' kull darba r-rizultat ikun wiehed negattiv avolja jkun ghamel hiltu u jkun qieghed jistenna rizultat tajjeb.

L-istess gara fl-1994 wara li kienu hargu sejhiet ghall-grad ta' Works Overseer.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilmenti tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant r-rikorrent, filwaqt li ghamel referenza ghal fuq espost u rriserva illi jressaq dawk il-provi l-ohra kollha li jistghu jkunu necessarji u opportuni, talab lil dan it-Tribunal joghgbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u jinghata rimedju billi jigi (1) dikjarat illi fil-konfront tar-rikorrent gew kommessi diversi ingustizzji u

wisq aktar meta huwa kapricozament gie mtellef il-promozzjoni li kien ikkwalifika ghaliha (2) illi jinghata l-promozzjoni ghall-grad ta' WTO jew l-ekwivalenti taghha b'lura mis-sena 1989 b'dawk il-beneficcji konnessi ma' l-istess minghajr ma jitlef kull dritt spettanti lilu versu promozzjonijiet futuri u (3) kumpens ta' hames telef lira Maltija (Lm5000) sabiex jaghmlu tajjeb ghall-ingustizzji hekk sofferti.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta li eccepixxa:

Illi wara sejha ghal applikazzjonijiet nru. 22/89 li kienet saret lill-impjegati tal-Korporazzjoni ghal mili ta' postijiet ta' Works Technical Officer (Districts) kien hemm ghoxrin applikant fosthom ir-rikorrent.

Illi mir-Rapport tal-Bord ta' l-Ghazla mwaqqaf mill-Korporazzjoni kien jirrizulta li r-rikorrent kien ikkwalifika fil-hmistax-il post fl-Ordni tal-Mertu.
Illi peress li l-ewwel tlieta li kkwalifikaw f'din l-ordni kienu nghataw il-post ta’ Works Technical Officer ir-rikorrent ma kienx eligibbli ghal post.

Illi matul l-1992 il-Korporazzjoni Enemalta ma kienet harget l-ebda sejha ghal applikazzjonijiet ghal grad ta' Security Guard.

Illi wara sejha ghal applikazzjonijiet nru. 3/93 li kienet saret lill-impjegati tal-Korporazzjoni ghal mili ta’ postijiet ta' Technical Officer I (Districts) kien hemm hdax-il applikant fosthom ir-rikorrent.

Illi mir-rapport tal-Bord ta' l-Ghazla mwaqqaf mill-Korporazzjoni kien irrizulta li r-rikorrent ma kienx ikkwalifika ghal post.

Illi wara sejha ghal applikazzjonijiet nru. 64/93 li kienet saret lill-impjegati tal-Korporazzjoni ghal mili ta’ postijiet ta’

Works Technical Officer (District) kien hemm ghaxar applikanti fosthom ir-rikorrent.

Illi mir-rapport tal-Bord ta' l-Ghazla mwaqqaf mill-Korporazzjoni kien irrizulta li r-rikorrent ma kienx ikkwalifika ghal post.

Illi wara sejha ghal applikazzjonijiet nru. 21/94 li kienet saret lill-impjegati tal-Korporazzjoni ghal mili ta' postijiet ta' Works Overseer kien hemm hamsa u tmenin applikanti fosthom ir-rikorrent.

Illi peress li l-ewwel tlieta li kienu ikkwalifikaw f'din l-ordni kienu nghataw il-post ta' Works Overseer ir-rikorrent ma kienx eligibbli ghal post.

Illi l-Bordijiet ta' l-Ghazla kienu mxew skond kif stipulat f'Appendici C tal-Ftehim Kollettiv bejn il-Korporazzjoni Enemalta u l-General Workers Union f'kull kaz indikat hawn fuq.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**
Ir-rikorrent ilmenta minn nuqqas ta' promozzjonijiet fl-1989 ghal Works Technical Officer, ghall-promozzjonijiet tal-1992 u in segwitu tas-sejhiet ta' Security Guard, ta' l-1993 ghal kwantu ghas-sejhiet ghal grad ta' Technical Officer I u ta' l-1994 ghas-sejha ta' Works Overseer, izda wara li semma dan fil-korp tar-rikors meta gie ghat-talba konklussiva talab rimedju billi:

1. Jigi dikjarat illi fil-konfront tar-rikorrenti gew kommessi diversi ingustizzji u wisq aktar meta huwa kapricozament gie mtellef il-promozzjoni li kien ikkwalifika ghaliha.

2. Illi jinghata l-promozzjoni ghal grad ta’ WTO jew l-ekwivalenti taghha b’lura mis-sena 1989 b’dawk il-beneficcji konnessi ma’ l-istess minghajr ma jitlef kull dritt spettanti lilu versu promozzjonijiet futuri.

3. kumpens

Minn naha tal-Korporazzjoni din cahdet illi fl-1992 harget xi sejha ghal applikazzjonijiet ghal grad ta’ Security Guard. Dwar il-promozzjonijiet l-ohra l-intimat iddikjara illi effettivament ir-rikorrent ma kwalifikax.

Ir-rikorrentipprezenta affidavit li jinsab a fol 28 et li fih semma li hu dahal ma’ l-EneMalta sittax-il sena qabel ghax precedentement kien apprentice imbaghad fl-1987 kien sar tal-post u beda jokkupa l-kariga ta’ lines man. Kemm il-darba applika ghall-promozzjoni izda kien kollu ghal xejn. Sostna li fil-kaz tal-grad ta’ Works Overseer dawk illi fil-fatt intaghazlu kulhadd kien jafhom minn qabel. Hu qal illi dawk li intaghzlu ma kienux kwalifikati daqsu u kienu fi grad anqas minn tieghu.

Xehed Joe Mangion Principal ma’ l-EneMalta li qal illi effettivament ma jiltaqax mar-rikorrent direttament fuq ix-xoghol izda qal li ma hemm ebda rapport negattiv fil-konfront tar-rikorrent. Dwar il-promozzjonijiet ghal WTO fl-1989 kienu saru tlieta biss; Caruana, Vella u Zammit waqt illi r-rikorrent ghalkemm ghadda ma kwalifikax. Il-Bord kien alloka l-marki skond id-dokument li jezisti a fol 10 tal-process. Zied li fir-rigward ta’ John Vella c-certifikati kienu journey man certificate, city and guilts installation part 2 kif ukoll GCE O level u license B. Fir-rigward ta’ John Caruana kellu journey man certificate, city and guilts installation part 1 kif ukoll part 2 u license B. Rigward Lawrence Zammit dan kellu journey man certificate, city and guilts part 1 u 2, license B kif ukoll O level.

Referibbilment ghall-promozzjonijiet l-1993 kien hemm karta ta’ l-ezami bil-miktub. Dwar Security Guards fl-1992 ma kienux hargu applications ghal dan kontrarjament ghal dak li jsemmi r-rikorrent. Ikkonferma r-rizultati u r-rapport

ta' l-interviews li jinsabu a fol 6 sa 19 tal-process bhala dokumenti tal-Korporazzjoni. Mangion semma li hu ma kienx jaf kemm fil-fatt kellhom jigu appuntati izda bhala stat ta' fatt kienu gew appuntati 3. Dwar TO I ma ghamlulux interview ghax ma kienx ghadda mir-written. Dwar il-post ta' Works Overseer kienu ghaddew 11 u l-ewwel 6 saru. Kien ceda wiehed u ghamlu s-7 wiehed. Ghal post ta' Works Overseer ir-rikorrent ma kienx ghaddu u kien gab 44 marka.

**KONKLUZJONIJIET:**

Ikkunsidra li dwar l-applikazzjoni tar-rikorrent ghal ***WTO*** fl-1989 hemm hafna x'jinghad dwar is-sistema ta' l-interview. Jibda t-Tribunal biex josserva li l-allokazzjoni tal-marki kif saret hija certament zbaljata. L-ewwelnett ghaliex ma sarx ezami bil-miktub kif l-istess membri tal-bord hassew li ghandu jsir. It-tieni aspett huwa ghaliex gew allokati 70 fil-mija tal-marki ghall-interview u cioe` element suggettiv b'mod li kollox jiddependi minn dak il-hin qasir li persuna taghmel waqt interview. It-tielet ghaliex ma gewx ezaminati l-personal files ta' l-applikanti, biex b'hekk wiehed jara sewwa l-posizzjoni fuq xi rapporti negattivi jew posittivi tal-applikanti kif ukoll sick leave u affarijiet konnessi? Ghaliex ma gewx ikkunsidrati elementi ohra bhal ma hija seniority?

Jigi issa t-Tribunal biex jezamina aktar fid-dettal ir-rizultat u hawnhekk it-Tribunal ihoss li ghandu jirrimarka illi apparti illi l-allokazzjoni tal-marki bhala tali hija certament zbaljata hemm ukoll numru ta' zbalji li jidhru facilment mill-istat ta' l-affarijiet. In fatti meta wiehed ezamina fuq Lawrence Zammit dwar kwalifiki dan fil-fatt kellu License A u mhux B u ghalhekk suppost inghata 3 marki fuq dak l-aspett izda fil-fatt inghata 6 marki ta' dan ghax gie mnizzel bhala C2 li tirriferixxi ghal License B u mhux License A izda bhala stat ta' fatt dan ma jaffettwax ghax hu gie moghti l-massimu u hekk jew b'hekk xorta wahda kien jaqbez il-massimu b'mod illi ghalhekk il-marka ma tistax titbiddel.

Fil-kaz ta' Henry Buttigieg li fil-fatt huwa failed li kellu Lisence B hu gie mnizzel bhala C1 u cioe` li ghalhekk gie

moghti 3 marki u b’hekk gab it-total ta’ 9 marki. Izda dan ma jaffettwax wisq ir-rizultat finali minhabba l-fatt li dan spicca failed.

Fil-kaz ta’ John Caruana dan inghata B1 u B2 u cioe` 3 marki u 6 marki rispettivament b’total ta’ 9 u b’hekk inghata 3 marki zejda ghax biex ikollok is-City and Guilds Part II bilfors irid ikollok il-Part I. Dan juri car u tond illi apparti mill-allokazzjoni tal-marki kienet wahda zbaljata anke l-workings ta’ kif inhaddmu il-kwalifiki ukoll ihallu hafna x’wiehed jahseb.

Meta wiehed jigi ghal job expierence hawnhekk ukoll wiehed bilfors irid ikollu t-Tribunal jghaddi certa kummenti. Il-membri tal-bord l-anqas jaqblu bejniethom dwar ir-raguni u l-evalwazzjoni tal-marki f’dan il-kaz u dan minhabba l-kaz illi gieli gie uzata l-marka ghal kull sena ta’ xoghol u gieli ghal konnessjoni diretta max-xoghol li sejjer isir. Ukoll kif jista’ wiehed jaghmel evalwazzjoni proprja ta’ job expierence jekk effettivament ma jkollux il-files ghad-disposizzjoni tieghu u jarhom?

Inholqot ukoll anomalija dwar kwalifiki u r-rizultat finali b’mod illi min gie l-ewwel fir-rizultat finali gie l-ewwel fil-kwalifiki, it-tieni fir-rizultat finali gie l-hames fil-kwalifiki, it-tielet fir-rizultat finali ir-raba’ fil-kwalifiki, ir-raba’ fir-rizultat finali l-erbatax fil-kwalifiki, il-hames fir-rizultat finali id-disa’ fil-kwalifiki, il-hames fir-rizultat finali l-ewwel fil-kwalifiki u wiehed jista’ jibqa sejjer fejn juri numru ta’ diskrepanza izda l-aktar li din hija senjata hija fil-kaz ta’ Mifsud Patrick illi huwa failed fir-rizultat finali izda gab il-massimu tal-marki ghall-kwalifiki u cioe` 20.

Dan kollu juri li ma hemm ebda korrelazzjoni bejn dak illi ghandhom bhala kwalifiki, dak illi nghataw bhala rizultat finali u dan specjalment ma gietx ikkunsidrata la s-seniority u l-anqas il-files personali ta’ l-applikanti b’mod ukoll illi arbitrarjament gew allokati 70 fil-mija tal-marki ghall-interview u dan wassal biex allura l-marka ta’ l-interview tkun deciziva.

It-Tribunal ukoll ihoss li ghandu jikkumenta dwar ir-rizultat ta' Mario Sultana li jgieghelek tahseb hafna. Dan bniedem li kull ma gab marki fuq element oggettiv kien ta' 3 minn 20 ghall-kwalifiki, pero` li tant gab rizultat strepituz ghall-bqija illi gab 10 minn 10 ghall-job expierence u 55 minn 70 fl-interview b'total ta' 68 u kklassifika fir-4 post. Infatti jirrizulta li l-allokazzjoni tal-marki ma kenitx gusta u hemm kwantita` kbira ta' difetti fir-rizultat kif issemma dettaljatament hawn fuq b' mod li tirrizulta ingustizzja kif definita fil-Kapitolu 394. It-Tribunal ihoss li ghandu jnehhi tali ingustizzja ghax fil-fehma tieghu r-rikorrent gab provi sufficjenti biex juri li kien haqqu li jikkwalifika ghal WTO fl-1989 u f' dan is-sens jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat u jilqa' l-ilment tar-rikorrent.

Ir-rikorrent ilmenta wkoll dwar il-promozzjoni fl-1992 ghal ***Security Guard***. Hawnhekk it-Tribunal ihossu ftit meraviljat fis-sens illi mid-deposizzjonijiet moghtija minn Joseph Mangion li huwa in charge minn dawn l-affarijiet jirrizulta illi ma hargu ebda applikazzjonijiet fl-1992 ghal Security Guards, haga li r-rikorrent ma kkontestahiex fil-kors tal-kawza. Ghalhekk ovjament dan l-aspett ta' l-ilment huwa michud ukoll.

Fit-tielet lok ir-rikorrent ilmenta dwar is-sejha ghal ***Technical Officer I*** fl-1993. Ir-rizultati jinsabu a fol 12 sa 14 tal-process, inkluz ir-rapport tas-selection bord ghall-appointment ta' Technical Officer I District wara li kienet harget ic-cirkolari 3/93. Minn dan jirrizulta li kienu applikaw 11-il persuna b'wiehed li ma kienx eligibbli u li 2 ma marrux ghall-ezami. Fil-fatt dan kien sar l-ewwel parti ezami bil-miktub. L-ezaminaturi kienu rrimarkaw li l-livell genrali kien taht il-livell li stennew u fil-fatt kandidat wiehed biss irnexxielu jghaddi mill-karta teknika. Il-karta tar-rikorrent kienet giet esebita. Meta wiehed jezamina r-rizultati li jinsabu a fol 14 jinnota li fil-fatt kien hemm persuna wahda biss illi ghaddiet u gabet 298 marks. Il-massimu tal-marki kienu 400 u l-pass mark 200. Ir-rikorrent kien gie fit-tielet posizzjoni b'188 izda failed. Ir-rikorrent ma gab ebda prova quddiem it-Tribunal li juri li tali marka kienet zbaljata. L-anqas ma talab ghal xi espert

biex jiprova illi fil-fatt l-akkokazzjoni tal-marki hija wahda zbaljata ghalkemm giet esebita il-karta ta' l-ezami tar-rikorrent. Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jichad it-talba tar-rikorrent dwar dan l-aspett.

Jifdal biss li t-Tribunal jezamina l-ahhar talba tar-rikorrent u cioe` dik ghal post ta' ***Works Overseer*** li dwaru hemm ir-rapport esebit bejn fol 15 u 19 tal-process. Dwar dan kien hemm 65 applikazzjoni elegibbli 54 ghax 11 ma kienux elegibbli. 2 applikanti rtiraw l-applikazzjoni taghhom, 39 persuna fil-fatt attendiet ghall-interview ghax 13 ma marrux. 11-il kandidat fil-fatt ghaddew u gabu l-pass marks, liema marki huma bejn 86 u 50. Ir-rikorrent fil-fatt gab 44 marka u ma ghaddiex. L-allokazzjoni tal-marki kienet giet mahduma abbazi ta' qualifications u hawnhekk hawn 20 marka, work expierence u hemm 30 marka allokata, 40 marka giet allokata ghal aptitude and suitability u personality 10 marks. Ir-rikorrent kien gab 12, 15, 10 u 7 rispettivament b'total ta' 44 marka. Izda hawnhekk bilfors it-Tribunal irid jinnota illi r-rikorrent ma gabx prova illi xi hadd illi kien kwalifikat anqas minnu gie allokat marki aktar minnu. L-anqas ma gab prova fuq kemm kienu ilhom il-kandidati l-ohra fil-posizzjoni li kellhom u ghalhekk x'seniority kellhom rispettivament mieghu. Dwar personality ir-rikorrent fil-fatt ma marx hazin ghax gab 7 marki minn 10. Naturalment it-Tribunal minghajr ma jingabu provi dwar x'certifikati kellu r-rikorrent u x'certifikati kellhom l-applikanti l-ohra, kif ukoll x'seniority kellu ma jistax jasal ghal konkluzzjoni illi tali ezami kien hemm xi ingustizzja. Ghal dawn il-motivi jichad l-ilment tar-rikorrent f'dan ir-rigward.

Ghalhekk it-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-intimat dwar l-ewwel ilment u cioe` dak ta' WTO filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat dwar it-talbiet l-ohra, jilqa' t-talba tar-rikorrent dwar WTO u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' WTO b'effett mill-1989 l-istess gurnata li fiha giet moghtija l-promozzjoni lill-kandidati l-ohra u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Minhabba n-natura tal-kaz, spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------